**16 ta' Mejju, 1959**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**
Joseph Zammit
*versus*
Anthony S. Montanaro
**Libell — "Innuendo".**

*Hu prinċipju, f'materja ta' libell, li meta l-kwerelant jagħżel li jindika l-"innuendo" nġurjuż li hu jirrikava mill-artikolu nkriminat, allura huwa jkun marbut li jipprova illi l-kliem oġġezzjonat jimplika s-sinifikat li hu jagħti lil dawk il-kliem, u ma jistax jiddipartixxi minn dak is-sinifikat u jadotta ieħor li ma jkunx is-sinifikat primarju; jiġifieri illi, jekk ma jiġix pruvat l-"innuendo" ndikat mill-istess kwerelant, allura l-kawża taqa', ammenokkè l-kliem denunzjati, fis-sinifikat tagħhom naturali u ovvju, bla ma jkun hemm ebda "innuendo" spjegattiv, ikunu libellużi.*

*"Innuendo" li donnu jikkoinvolġi l-propożizzjoni errata illi, min, fi żmien li Gvern ikun f'idejn partit politku determinat, ikun ottjena minħabba l-appartenenza jew adeżjoni tiegħu lil dak il-partit, impjeg governattiv, jibqa' obligat li jobdi lil dak il-partit jekk dan, wara, ma jkunx għadu jreġi l-Gvern, anki a preferenza u a skapitu tal-lealtà tiegħu, bħala impjegat governattiv, lejn il-Gvern li jkun fit-treġija, ma hux ammissibbli.*

*Imma "innuendo" li l-kwerelant ġie mpinġi bħala bniedem bla karattru, meta jikkorrispondi għall-kliem naturali u ovvju tal-paragrafu nkriminat, hu aċċettabbli; billi l-qarrej ordinarju ma jogħodx jissottilizza, imma jifhem il-kliem fil-mod ordinarju kif jiftiemu.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela magħmula minn Joseph Zammit kontra Anthony S. Montanaro, talli l-Belt Valletta u bnadijiet oħra, per mezz tal-ġurnal "Il-Berqa" li tiegħu hu l-editur, fin-numru tat-18 ta' Frar 1959, f'rapport pubblikat fl-ewwel faċċata, inġurjaħ;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Marzu 1959, li biha sabet lill-kwerelat ħati talli per mezz tan-numru tal-"Berqa" tat-18 ta' Frar 1959 inġurja lill-kwerelant, u kundannatu għall-ammenda ta' £2, u l-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-pont devolut lil din il-Qorti hu jekk il-paragrafu nkriminat hux libelluż jew le. Bħala sfond tal-kwistjoni jingħad li l-Partit Laburista kien ordna ġurnata ta' Luttu Nazzjonali meta ġiet revokata l-Kostituzzjoni, b'direttivi li ħadd, impjegat mal-Gvern jew le, ma jmur għax-xogħol. Il-paragrafu nkriminat jgħid hekk:— "Is-Sur Joseph Zammit, ex-segretarju tal-ex-Ministru Johnnie Cole, li ġie mlaħħaq "Milk Marketing Officer" b'salarju ta' aktar minn £500 fis-sena mill-Gvern Mintoffjan, mar għax-xogħol fil-"Milk Marketing Undertaking" dak inhar tal-luttu mintoffjan". "Ex admissis", il-kwerelant ma kienx mar għax-xogħol fil-jum in kwistjoni, kuntrarjament għal dak li ngħad fit-trafilett fuq riportat;

Il-kwerelant għażel li, fix-xhieda tiegħu, jindika l-"innuendo", u ndikah b'dan il-mod:— "Jiena nħossni nġurjat billi ġejt rappreżentat bħala li minhix grat lejn il-Gvern Laburista, li kien tagħna post tajjeb, u ma obdejtx l-ordnijiet tal-Gvern Laburista";

U aktar tard żied jgħid:— "Jiena nħoss li ġejt preżentat ma' sħabi bħala bniedem bla karattru . . . . . ";

Issa, hu prinċipju, f'materja ta' libell, li meta l-kwerelant jindika l-"innuendo", allura "the plaintiff will — to

use the expression of Lord Mansfield — be 'pinned down' to it at the trial; and if he fails to prove that the words bear the meaning assigned, he cannot discard that meaning and adopt an other not being the primary sense thereof" (ara Gatley, On Libel and Slander, p. 467). Dan ifisser illi, jekk ma jiġix pruvat l-"innuendo" ndikat mill-istess kwerelant, allura l-kawża taqa', ammenokkè l-kliem denunzjati, fis-sinifikat tagħhom naturali u ovvju, bla ma jkun hemm bżonn ebda "innuendo" spjegattiv, ikunu libellużi. Jgħid l-Odgers, On Libel and Slander, p. 100, a propożitu ta' dan il-pont:— "If the jury rejects the innuendo, the paintiff may fall back upon the words themselves and urge that, taken in their natural and obvious signification, they are actionable 'per sè' without the alleged meaning, and that, therefore, his unproved innuendo may be rejected as surplusage";

Issa, lewwel "innuendo" ndikat mill-kwerelant ma jidherx ammissibbli; għaliex donnu jikkoinvolġi l-propożizzjoni, errata u insostenibbli, li min, fi żmien li l-Gvern ikun f'idejn partit politiku determinat, ikun ottjena, minħabba l-appartenenza jew l-adeżjoni tiegħu lil dak il-partit, impieg governattiv, jibqa' obligat li jobdi lil dak il-partit jekk dan, wara, ma jkunx għadu jreġġi l-Gvern, anki a preferenza u a skapitu tal-lealtà tiegħu, bħala mpjegat governattiv, lejn il-Gvern li jkun fit-treġġija;

Iżda t-tieni "innuendo", li del resto jikkorrispondi għas-sinifikat naturali u ovvju tal-paragrafu nkriminat, hu aċċettabbli, li ċjoè l-kwerelant ġie mpinġi bħala bniedem bla karattru. Infatti, kien l-istess artikolista li ddipartixxa mil-limiti stretti tal-prinċipju inammissibbli tal-ewwel "innuendo", u żied ċirkustanzi li jirrendu ovvju għall-qarrej is-sens tal-paragrafu. Il-kwerelant, infatti, huwa ndikat, oltrekkè b'ismu, bħala ex-segretarju tal-ex-Ministru Johnnie Cole, bħala li ġie mlaħħaq "Milk Marketing Officer" b'salarju ta' aktar minn £500 fis-sena, u bħala titolari ta' dan il-benefiċċju, bis-saħħa tal-Gvern Mintoffjan. Mbgħad ingħad li hu mar għax-xogħol fil-ġurnata tal-luttu Mintoffjan. Hu ċar li l-iskrivent ried iqiegħed in kontrappożizzjoni riżaltata żewġ fatturi; wieħed, li l-kwerelant

kien partitarju laburista, u kien ġie lawtament benefikat minn dak il-partit, meta kien fil-Gvern, bl-għoti ta' mpjeg governattiv redditizju; u l-ieħor, illi, ċjò non ostante, dan *daħal għax-xogħol malgrado* l-luttu, deskritt mill-iskrivent bħala luttu "Mintoffjan". Kif ingħad, il-protezzjoni tal-erroneità tal-prinċipju nvolut fl-ewwel "innuendo", li kieku kien ikollu l-kwerelat, ġiet minnu stess distrutta bil-mod kif inhu miktub il-paragrafu nkriminat, li evidentement jirrileva għad-dannu tal-kwerelant, tajjeb jew ħażin, inkonsistenza li ġġib għal nuqqas ta' karattru;

Il-kwerelat, fil-paragrafu denunzjat, ma hux qiegħed affattu jsostni l-prinċipju dedott minnu issa bħala aggravju tal-appell, illi ċjoè ma hux inġurjuż li wieħed jgħid, għal impjegat tal-Gvern, li dan, fil-bivju bejn is-simpatiji tiegħu partiġjani u l-lealtà tiegħu lejn il-Gvern, għażel din talaħħar, u ma hux qiegħed ifaħħar lill-kwerelant, li suppost għamel din ix-xelta, imma qiegħed jesponieh għad-disprezz ta' sezzjoni rilevanti tal-publiku, billi jissottolinea, bil-kontrappożizzjoni taċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, in-nuqqas ta' karattru da parti tal-kwerelant, fuq l-assunt żbaljat li dan daħal għax-xogħol. Kien, għalhekk, l-istess kwerelat li għażel it-terren li jipprexxindi mill-prinċipju fuq imsemmi, li *diversament seta' talvolta jipproteġieh minn imputazzjoni* ta' libell. Meta wieħed jipproċedi biex jirrispondi għad-domanda solita f'każijiet ta' libell, ċjoè "How were the words understood by those to whom they were originally published? What meaning did the whole passage convey to an unbiassed mind?" (Odgers, loc. ċit., p. 93), irrisposta ovvja għandha tkun li l-qarrej ordinarju jkun fehem, minħabba l-mod kif inhu konċepit il-paragrafu, appuntu li l-kwerelant wera nuqqas ta' karattru; u meta wieħed jgħid "qarrej" f'dan il-kontest, wieħed jifhem "persons of ordinary intelligence", li ma joqgħodux jissottilizzaw, imma jifhmu l-kliem fil-mod ordinarju kif jiftehmu;

Tant hu hekk, li ċjoè l-kwerelat ma riedx, b'dak ilparagrafu, speċi ta' jfaħħar lill-kwerelant li f'dak il-jum daħal għax-xogħol, li in segwitu, f'numru ieħor tal-ġurnal, bħala ġest ta' "riparazzjoni", il-kwerelat kien ippublika

paragrafu ieħor, fejn għarraf lill-qarrejja li fil-fatt il-kwerelat ma kienx daħal għax-xogħol, u issa fix-xhieda tiegħu appuntu qiegħed jakkampa din iċ-ċirkustanza bħala element ta' mitigazzjoni; mentri kieku kien sewwa dak li l-kwerelat qiegħed isostni issa a diskariku, dik it-tieni publikazzjoni kienet tkun, jekk mhux inġurjuża, ċertament tnaqqis tal-meritu suppost attribwit lill-kwerelant bil-paragrafu fin-numru ta' qabel, u żgur mhux element ta' ritrattazzjoni jew mitigazzjoni;

Għalhekk, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-kwerelat u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-kwerelat. Onorarju tad-difensuri "uti infra"; tnax il-xelin għas-seduta tal-11 ta' April 1959 u għaxar xelini għal dik tal-lum.